MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1543/2004/1

**Emanuel u Inez konjugi Spiteri f' isimhom *proprio* u kif ezercenti n-negozju bhala Qormi Aluminium**

**vs**

**Anthony u Evelyn konjugi Abdilla**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta Awissu 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta sitt mija u sebghin lira u tmenin centezmu (Lm670.80) rapprezentanti l-bilanc ta prezz ta aluminium u

accessorji mibjugha u kkunsenjati lill-konvenuti fuq ordni u inkariku tal-istess konvenuti.
Bl-ispejjes u bl-imhghax kontra l-istess konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 16 ta Settembru 2004 fejn gew kontestati t-talbiet attrici fis-sens li l-azzjoni kienet preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) jew 2156 (f) oltre li kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjes kontra l-atturi u b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli konsulenti legali rispettivi.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna talba ghal hlas ta xoghol ta aluminium allegatament mibjugh u konsenjat lill-konvenuti f'diversi okkazzjonijiet. Fl-affidavit tieghu Emmanuel Spiteri jghid li kien ilu jaf u jinnegozja mal-konvenut li kien jahdem fl-aluminium ghal zmien twil sa mis-sena 1995. Jaf bic-cert li l-konvenut kien jahdem xoghol ta aluminium ghall-klijenti tieghu u mhux semplicement ghalih personali. Difatti il-konvenut kien jixtri minnghandu bil-prezz ta wholesale mhux retail u li anke kien jixtri on credit tant kien klijent regolari tieghu. Fil-bidu il-konvenut kien ihallas xi xahar jew xahrejn wara li jkun ha x-xoghol u ghandu x-xoghol sa Mejju 1998 kollu mhallas. Ix-xhud esebixxa l-invoices tax-xoghol mhux imhallas, l-ewwel wahda tirrisali mit-28 ta Mejju 1998 u l-ahhar wahda ggib id-data tat-22 ta Dicembru 2000. (Dok ES1 sa Dok ES5). L-ahhar pagament effettwat mill-konvenut sar fis-17 ta April 1999 ghal Lm200 Dok ES 6 u dana bhala pagament akkont ta l-ewwel invoice fuq citata (Dok ES1). Wara dan il-pagament il-konvenut ha xi xoghol iehor u baqa ma halsux nonostante li in

segwitu sarulu diversi sejhiet tramite t-telephone. Dan ix-xhud ighid ukoll li fuq il-kopja ta l-invoices esebiti (peress illi l-original jinsabu ghand il-konvenut) ghandek issib il-firma tal-konvenut.

Da parti tieghu l-konvenut ighid li huwa minnu li gieli kien xtara xoghol ta aluminium minnghand l-atturi bhala materja prima pero dana dejjem ghall-uzu tieghu personali u mhux biex jahdem ghan-nies. Dwar jekk kienx ihallas wholesale jew retail ma jafx. Dwar l-invoices esebiti Dok ES 1 sa Dok ES 5 isostni li l-ewwel darba li rahom kienet fil-kawza u li l-firma ta fuqhom ma hix tieghu. Lanqas il-firma fuq Dok ES 7 ma hi tieghu. Jikkonferma pero li gieli hallas wara li jkun gia ha x-xoghol pero qatt ma hallas aktar tard minn xahar. Jikkonferma li gieli xtara minnghand l-atturi u ghalhekk kien gie lilu permess li jhallas lura ghal konvenjenza tieghu. Jghid li kien minnu wkoll li l-attur kien qed jigri warajh ghal flus qabel il-kawza u jsostni li kien ighidlu li jekk jurieh il-karti huwa kien lest li jhallas.

Fuq domanda tat-Tribunal dwar l-invoices esebiti l-konvenut iwiegeb li ma jafx b'dan ix-xoghol;
Fuq domanda tat-Tribunal meta hadem l-ahhar mal-attur iwiegeb xi hames snin ilu u kwindi bejn is-sena 1998 sas-sena 2000, huwa kien ghadu qed jixtri minnghandu.

Illi dwar il-kontestazzjoni principali u preliminary sollevata mill-konvenut u cioe dik tal-preskrizzjoni ta sena u nofs ghal prodotti mibjugha b'retail (2158 b) it-Tribunal isib li din ma treggix stante li rrizulta mill-affidavit ta Spiteri mhux kontradett mill-konvenut li l-prezz involut bejniethom kien wiehed ta wholsale. Ghar-rigward il-preskrizzjoni sollevata ta hames snin (2156 f) jinghad li l-konvenut stess ammetta li huwa baqa jinnegozja u jixtri minnghand l-attur bejn is-sena 1998 u s-sena 2000 cioe z-zmien tal-invoices in kwistjoni u l-kawza infethet f'Awissu 2004. Ma hux kredibbli l-konvenut f'nifs jikkonferma li baqa jixtri minnghand

l-attur f'dan iz-zmien u fl-istess nifs ighid li huwa ma jaf xejn dwar ix-xoghol kontenut fl-invoices in kwistjoni. Pero jinghad ukoll li se mai l-ewwel invoice biss u cioe dik datata 28/5/98 setghet tigi meqjusa preskritta b'hames snin peress li x-xoghol l-iehor kollu ttiehed u jinsabu datati fis-sena 2000. Dwar l-invoice tas-sena 1998 jinghad pero li kien sar pagament akkont fuqha f'April 1999 ta Lm200 u kwindi l-bilanc fuqha huwa biss dak ta Lm47.42. Illi ghalhekk anke din il-preskrizzjoni ta hames snin sollevata mill-konvenut ma hiex applikabbli ghal kaz in ezami.

Illi dwar il-kontestazzjoni fil-meritu ghalkemm dawn huma vagi ferm it-Tribunal jinnota li l-konvenut ftit li xejn seta jwiegeb fid-dettal fuq il-kontestazzjoni tieghu. Jammetti li kien ha xoghol bejn is-sena 1998 sas-sena 2000 – jammetti li ma kienx ihallas fil-pront max-xoghol pero fl-istess hin ma jiftakar xejn dwar ix-xoghol kontenut fl-invoices esebiti – jinnega li l-firma ta fuqhom kienet tieghu – u jinnega li l-original ta l-istess invoices esebiti kienu fil-pussess tieghu – anzi jghid li l-ewwel darba li rahom kienet fil-kawza stess. It-Tribunal isib li l-konvenut ma kien kredibbli xejn fil-verzjoni minnu moghtija filwaqt li jsib tassew realment konvincenti fil-pretenzjoni mressqa mill-atturi b'dana pero li meta taghmel il-konteggi tal-hlasijiet dovuta wara li taqta l-pagament ta Lm200 effettwat f'April 1999 jigi li l-bilanc dovut mill-konvenut huwa dak ta Lm648.22 u mhux Lm670.80 kif mitlub fl-odejrn avviz.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u kwindi jilqa t-talbiet tal-atturi bil-mod kif hawn fuq spjegat u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta sitt mija u tmienja u erbghin lira tnejn u ghoxrin centezmu (Lm648.22) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-

> notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.”

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza bl-uniku aggravju illi t-Tribunal ghamel interpretazzjoni erroneja ta’ l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili ghall-fatti;

Huwa necessarju l-ewwelnett illi l-Qorti taghmel ri-produzzjoni qasira tal-fatti:-

(1) Fil-versjoni ta’ l-attur (ara Affidavit tieghu a fol. 15) dan issupplixxa lill-appellanti diversi prodotti ta’ l-aluminium. Dan ir-rapport kien ilu fis-sehh ghal numru ta’ snin. Sa Mejju 1998 l-appellant kien skonta l-intier ta’ l-ammont dovut sa dakinhar. Fit-28 ta’ Mejju 1998 u f’ erba’ okkazjonijiet fis-sena 2000 l-appellanti xtara prodotti konsimili minghandu totalizzanti s-somma ta’ tmien mija tmienja u erbghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm848.22). Minn din is-somma l-appellanti hallas mitejn lira (Lm200) akkont fis-17 ta’ April 1999 (ara ricevuta a fol. 23) u b’ hekk baqa’ il-bilanc reklamat fl-Avviz. L-attur jissokta jiddikjara illi l-appellanti kien igiblu diversi ragunijiet il-ghala kien baqa’ lura fil-pagamenti u kien anke jitolbu dilazzjoni ghall-hlas. Kien biss fl-ahhar inkontru li l-appellanti talbu wkoll kopja tal-fatturi;

(2) Minn naha tieghu l-appellant Anthony Abdilla jitlaq mill-premessa illi huwa gieli xtara l-prodotti msemmija. B’ danakollu jistqarr ukoll illi ma kienx jaf bil-konsenji indikati fil-fatturi esebiti (fol. 18 sa fol. 22). Huwa jichad ukoll illi l-firma fuqhom kienet dik tieghu, u dan avolja jaccetta illi l-ahhar li xtara minghand l-attur kien hames snin qabel u li allura bejn l-1998 u s-sena 2000 kien ghadu jixtri l-prodotti. Huwa xehed fis-6 ta’ April 2006 (ara fol. 26). Izid jaggungi illi fl-okkazjonijiet li kien jiehu x-xoghol minghand l-atturi huwa kien jiffirma xi karta li kien jghaddilu dan u ma kienx ihallas dak il-hin stess;

Stabbiliti dawn il-fatti kifépprezentati mill-kontendenti, m' hemmx dubbju illi l-kwestjoni bejniethom hija sostanzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li tinghata lix-xhieda taghhom. Dan kif, korrettement, rilevat ukoll mit-Tribunal mill-ezami u l-konstatazzjonijiet tieghu ta' dawk l-elementi ta' provi li fuqhom iffonda l-konvinciment tieghu. Gudizzju dan li kien prettament bazat fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita`. Dan fil-qafas ta' dak il-poter diskrezzjonali li ghandu kull gudikant fir-ricerka tal-verita;

Sincerament, din il-Qorti, fuq l-apprezzament taghha tal-provi istruttorji, ma ssib ebda raguni biex ticcensura lit-Tribunal fejn dan qieghed a fondament tad-decizjoni tieghu l-versjoni ta' l-attur appellat u eskluda dik ta' l-appellanti. Fil-kumpless, ma jista' jezisti ebda dubbju illi ghallanqas sa l-2000 l-appellanti kien ghadu qed jixtri prodotti minghand l-attur. Dan hu sahansitra hekk rikonoxxut minnu. Huwa veru li hu ma rrikonoxxiex ukoll il-paternita tal-firma tieghu fuq l-*invoices*. Dan, pero`, ma ghandux ifisser illi t-Tribunal, u issa din il-Qorti, ghandhom jikkuntentaw ruhhom b' din id-dikjarazzjoni tieghu, ghax jekk hu minnu dak li jafferma, ifisser b' insinwazzjoni li l-firma hi falsifikata u l-attur-kreditur, li esebixxa l-fatturi, hu f' dolo. Kif inhu saput, skond il-principju generali tad-dritt, min jallega l-mala fede jrid jipprovaha b' mod perswasiv u konkludenti u mhux jippretendi li t-tribunal ghandu jhossu sodisfatt bis-semplici dikjarazzjoni tieghu. Jekk hu ma jaghmelx dan tibqa' tipprevali l-presunzjoni tal-buona fede bhala principju fundamentali tal-kontrattazzjonijiet. Li jfisser, li l-fatturi bil-firma tad-debitur fuqhom jibqghu jaghmlu prova qawwija kontra tieghu in kwantu sostenut bil-predetta presunzjoni;

Meta tali hi s-sitwazzjoni l-appellanti ma jistax jikkampa ruhu fuq il-preskrizzjoni opposta minnu ghaliex, kif inhu bil-wisq car, bejn l-akkwisti li ghamel fis-sena 2000 u l-prezentata ta' l-azzjoni mill-appellat (6 ta' Awissu 2004) ma kienx ghadu ddekorra z-zmien preskrittiv estentiv ta' hames snin fit-termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

Jifdal li jigi kkunsidrat il-bilanc li kien ghad fadal ta' sebgha u erbghin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm47.42) fuq il-fattura datata 28 ta' Mejju 1998. Jirrizulta illi l-appellanti ghamel hlas akkont fis-17 ta' April 1999 izda dan ma jistax jiggjova lill-appellat in kwantu bejn dan il-hlas u l-introduzzjoni ta' l-azzjoni lahqu ghaddew hames snin. Ir-ricerka trid issegwi perkors iehor biex jigi accertat jekk, permezz ta' fatti jew atti, kienx hemm l-ezistenza ta' kawza ohra ta' interruzzjoni;

L-appellanti jaccetta li ma kienx ihallas fil-pront. Hemm, imbaghad, id-dikjarazzoni ta' l-appellat illi l-appellanti talbu, b' ragunijiet diversi, zmien ghall-hlas. Huwa minnu illi dan jiddikjara wkoll, bhall-appellanti, illi kien gie mitlub kopja ta' l-*invoices* imma dan, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, mhux ghax kellu dik id-"*dubbieza nell' animo intorno alla pretesa del credito*" (**Vol. XXIV P I p 388**) imma, pjuttost, biex jirbah iz-zmien u jtawwal il-hlas. F' kull kaz jidher li dik it-talba saret b' riferenza ghall-fatturi emessi fis-sena 2000 u mhux ukoll dik relatata ma' l-*invoice de qua* li taghha kien ghamel pagament akkont. Ikollu jinghad illi din il-Qorti, fuq l-ezami taghha tal-kondotta ta' l-appellanti u tan-nuqqas ta' verosimiljanza tal-versjoni tieghu, hi sodisfatta li dan kien effettivament qed jirrikonoxxi l-ezistenza tad-debitu bit-talbiet ripetuti tieghu biex jinghata aktar zmien ghall-pagament. Tali rikonoxximent jammonta ghal dik l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni li jippreciza l-Artikolu 2133 tal-Kapitolu 16, u allura l-azzjoni, komprensiva wkoll tal-bilanc suddett, ma tistax titqies estinta bit-trapass taz-zmien.

Ghal dawn il-motivi kollha u dawk l-ohra tat-Tribunal l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------